TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 195/12/GZ

**Catherine Bonello Sullivan**

**vs**

**Precision Optical Ltd.**

Illum 27 ta' Frar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00), rapprezentanti l-prezz approssimattiv li hija hallset ghal par nuccali tax-xemx circa ghaxar (10) snin ilu, liema nuccali gie ddanneggjat meta nha ghat-tiswija ghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet in-nuccali tax-xemx taghha ghand is-socjeta' ntimata sabiex jinbiddlu l-lentijiet, fejn, meta marret tigborhom, hija giet informatha illi l-frame tan-nuccali kien inkiser meta kien qed jissewwa gewwa l-'workshop'. Is-socjeta' ntimata kienet offriet li r-rikorrenti tinghata skont ta' 25% jekk hija tixtri par nuccali tax-xemx minghand wiehed mill-hwienet taghha.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata minhabba li tali offerta ma kenitx wahda sufficjenti bi paragun ghall-valur tan-nuccali tax-xemx in kwistjoni. Ir-rikorrenti qatt ma giet avzatha li n-nuccali tax-xemx kienu ser jigu msewwija a riskju taghha, u

lanqas ma nghatat xi karta biex tiffirma. Il-'work order' inghata lilha biss wara li hija staqsiet ghaliha wara li kienet saret il-hsara fuq in-nuccali tax-xemx. Ghalhekk ir-rikorrenti thoss illi ghandha tinghata par nuccali tax-xemx gdid ta' l-istess valur jew li tinghata lura l-flus rapprezentanti l-valur ta' l-istess.

Ir-rikorrenti ezebiet il-karta li nghatat meta hadet in-nuccali tax-xemx ghand is-socjeta' ntimata l-ewwel darba; il-'work order' li nghatat wara li n-nuccali tax-xemx kien gie ddanneggjat; u l-'email' minghand is-socjeta' ntimata fejn inghatat l-offerta ta' skont ta' 25% fuq par nuccali tax-xemx gdid.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'kull hanut taghha, hemm tabella li tghid li kull tiswija ssir a riskju tal-konsumatur, illi oggetti li ma jingabrux wara tmien (8) gimghat isiru l-propjeta' tas-socjeta' ntimata u li depoziti m'humiex rifuzabbli.

Huwa veru li gara dak li qed tissottometti r-rikorrenti, pero' s-socjeta' ntimata kienet offriet li hija tinghata skont ta' 25% fuq par nuccali tax-xemx gdid. Apparti minn hekk, in-nuccali tar-rikorrenti ma kienx fi stat tajjeb.

Is-socjeta' ntimata ezebiet skambju ta' emails bejnha u bejn ir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u fuq domanda tat-Tribunal ziedet tghid illi n-nuccali tax-xemx in kwistjoni nxtara xi ghaxar (10) snin ilu u li ma kenitx certa tal-prezz pero' li tali nuccalijiet tax-xemx tad-ditta jizdiedu fil-valur biz-zmien.

Ir-rikorenti ezebiet in-nuccali tax-xemx in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tat-tabella li hija mdendla f'kull hanut taghha fejn hemm indikat li kull tiswija ssir a riskju tas-sid tan-nuccali in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.AC.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ra n-nuccali tax-xemx in kwistjoni u nnota l-kondizzjoni hazina ta' l-istess, u dana minkejja l-fatt illi gie ddanneggjat mis-socjeta' ntimata, ihoss illi t-talba tar-rikorrenti hija wahda esagerata, specjalment fl-ambitu li ma pprezentat l-ebda tip ta' prova rigwardanti l-prezz originali ta' l-istess nuccali. Illi madanakollu, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta' ntimata kienet offriet, minghajr pregudizzju, skont ta' 25% fuq par nuccali tax-xemx gdid mixtri minghand wiehed mill-hwienet taghha, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**